**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023**

**Talba numru 86/2023 SFJ**

**BRIIZ TECHNOLOGIES LIMITED(C 75059)**

**vs.**

**BLUE SKY LIMITED (C 86559)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

- *"Illi s-soċjeta' attriċi wettqet xogħolijiet ta' tindif għas-soċjeta' konvenuta fil-fond tal-istess soċjeta' konvenuta. Dawn ix-xogħolijiet twettqu fuq medda ta' żmien minn Mejju tas-sena 2021 sa Frar tas-sena 2023, hekk kif jidher fi statement ta' account li ġie anness u mmarkat bħala DOK A. L-ammont dovut ta' elf, disa' mija tnejn u tletin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Eur1,932.84) baqa' ma tħallasx mis-soċjeta' konvenuta, minkejja li ġiet interpellata diversi drabi.*
- *Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi, fl-ammont hawn fuq imsemmi, u li*

*tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-istess ammont lis-soċjeta' attriċi bl-imgħaxxijiet sad-data tal-pagament effettiv;*

- *Bl-ispejjes tal-preżenti proċeduri.*

**It-Tribunal ra illi s-soċjeta' konvenuta kienet ġiet debitament notifika skont il-Liġi, iżda ma ppreżentat l-ebda risposta fiż-żmien preskritt mil-Liġi.**

**Ra illi kien ġie ppreżentat Kapitolu, iżda t-Tribunal kien talab ukoll biex jitressqu provi wkoll fis-seduta li kien imiss sabiex dan it-Tribunal ikun iktar konvint illi din is-somma hija dovuta.**

**<u>Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet</u>**

- Illi fil-fatt, il-kawża kienet tħalliet għall-24 ta' Ottubru 2023 għall-provi tas-soċjeta' attriċi;
- Illi f'din is-seduta Sean Borg (K.I. 157493M), li xehed bħala rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi, kien xehed u kkonferma illi s-soċjeta' konvenuta kellha *overdue payments* tat-2021, fl-ammont totali ta' elf, erba' mija u tmienja w tletin ewro u disgħa w tmenin ċenteżmu (Eur 1,438.89). Dan ix-xhud, taħt ġurament, kien ikkonferma li ma kien sar l-ebda pagament u dan l-ammont għadu dovut. Dakhinar stess kien ippreżenta wkoll kopja tal-*istatements*, mmarkati bħala BT 1, kif ukoll varji *invoices* mmarkati BT 2 sa BT 24.

It-Tribunal, għalhekk, m'għandu l-ebda raġuni għalfejn jiddubita l-veraċita ta' din ix-xhieda.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***<u>Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca</u>*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu,

huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

Wara li ra d-dokumenti relattivi kif ukoll sema' ir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi, it-Tribunal ma jsibx diffikulta' li jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont bilanċ iddikjarat, li ġie kkonfermat fix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi.

**Deċide**

Għaldaqstant, għalhekk it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-t-talba tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' elf, erba' mija u tmienja u tletin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (Eur1,438.89), bl-imgħaxx, li għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla minr-rata massima permessa skont il-Liġi, mid-data tal-preżentazzjoni tal-Avviż sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-preżenti proċedura.

____________________________________

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**